MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 990/2011

**Rikors Nru 990/2011**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**Kawtelatorju Nru. 1945/2010**
**fl-ismijiet :**

**Francis Abela f`ismu propju u bh**

**vs**

**Kalaxlokk Company Limited (C**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ta' Kalaxlokk Company Limited (C7950) [“l-esekutata”] fejn talbet lil din il-Qorti sabiex –

*1. Tisma` r-rikors odjern b`urgenza, u dana ai termini tal-artikolu 836(2) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) ; u / jew*

*2. Tiddikjara li mhuwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat ta` sekwestru odjern jew li l-mandat ta` sekwestru odjern mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli u dana ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) ; u / jew*

*3. Tiddikjara li mhuwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat ta` sekwestru odjern relattivament ghas-sekwestratarja s-socjeta` bankarja Banif Malta (Malta) p.l.c. jew li dan il-mandat mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, u dana ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) ; u / jew*

*4. Tirrevoka contrario imperio l-mandat ta` sekwestru odjern ossija l-mandat ta` sekwestru bin-numru 1945/10 in toto jew in parte u dana taht dawk il-kondizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti tista` tqis xierqa ; u / jew*

*5. Tikkundanna lir-rikorrenti sabiex ihallas penali ta` mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,1164.69) u mhux izjed minn sitt elef, disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) u dana ait termini tal-Art 836(8) subincizi (c) u (d) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) ; u / jew*

*6. Tordna lir-rikorrent sabiex jaghti, fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tiffissa, garanzija*

*xierqa ghall-hlas tal-penali li tista` tigi mposta u ta` danni u imghax, u fin-nuqqas li jaghti dan fi zmien lilu koncess, joghgobha tordna t-tnehhija tal-mandat ta` sekwestru in kwistjoni u dana ai termini tal-Art 838A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent sekwestrant.*

Rat id-digriet taghha fejn ordnat in-notifika lill-kontroparti b`sebat ijiem zmien min-notifika sabiex jipprezenta risposta.

Rat ir-risposta ta` Francis Abela [“l-esekutant”] fejn talab lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tal-esekutata bl-ispejjez kontra taghha.sabiex il-Mandat jaqa` *in toto*

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Ir-ragunijiet</u>**

**a) <u>Tal-esekutata</u>**

**<u>Fil-qosor</u>** ir-ragunijiet tal-esekutata li jsostnu t-talbiet taghha huma dawn –

1) L-esekutata tikkontesta fil-mertu taghha l-pretensjoni tal-esekutant ghall-hlas tal-ammont ta` €123,733.76 li qieghed jigi kawtelat bil-Mandat de quo.

2) Wara l-esekuzzjoni tal-Mandat, permezz ta` cedoli ta` depozitu appositi, kien depozitat taht l-awtorita` tal-qorti ammont komplessiv ta` €195,538.44 u cioe` €123,733.76 mill-Bank of Valletta plc u €71.804.68 mill-Banif Bank (Malta) p.l.c., li allura jeccedi sewwa l-ammont

li qieghed jigi kawtelat. Kwindi l-Mandat m`ghandux jibqa` fis-sehh certament safejn jirrigwarda l-ammont li kien depositat minn Banif Bank (Malta) p.l.c.

3) Fl-istess waqt, ma hemmx htiega li l-Mandat fit-totalita` tieghu jibqa` fis-sehh ghaliex il-qaghda finanzjarja tal-esekutata hija soda u likwida tenut kont tal-fatt illi l-azzjonisti taghha huma kumpanniji statali b`access ghar-risorsi tal-Gvern ta` Malta. L-ispedizzjoni tal-Mandat kienet ghalhekk frivola u vessatorja.

**b) Tal-esekutant**

**Fil-qosor** ir-ragunijiet tal-esekutant ghala l-Mandat ghandu jibqa` fis-sehh huma dawn –

1) Jaccetta li kull ammont li jeccedi l-ammont kawtelat bil-Mandat ghandu jigi rilaxxjat lill-esekutata.

2) Mhux minnu li l-Mandat per se huwa frivolu. Ir-raguni ghall-hrug tieghu saret skond il-ligi.

3) Mhijiex sodisfacjenti l-fehma tal-esekutata li hija sod mil-lat finanzjarju.

4) Ma hemmx lok ghall-imposizzjoni ta` penali jew garanzija.

5) Il-fondatezza tat-talbiet tal-esekutant ghandhom jirrizultaw fil-kawza fil-mertu.

**Ikkunsidrat :**

**II. Risultanzi**

Meta l-esekutat li kontrih ikun inhareg u gie esegwit att kawtelatorju jipprocedi skond l-**<u>Art.836(1) tal-Kap.12</u>** sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat iressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1).

L-esami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza propja bejn il-partijiet, u li hija pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qeghda tistenna l-esitu finali tal-kawza propja.

F`dan il-kuntest taghmel riferenza ghall-**<u>provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005</u>** fejn kien inghad hekk –

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

Fil-kaz tal-lum, l-esekutat qieghed iressaq it-talba tieghu skond **il-paragrafu (f)** li jaqra hekk –

*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Abbazi ta` l-atti akkwiziti, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm hemm lok li l-att kawtelatorju ma jibqax *in parte* fis-sehh, mhijiex daqstant tal-fehma illi l-att kawtelatorju jigi revokat ghal kollox.

L-esekutata talbet ukoll lill-Qorti sabiex timponi penali skond l-**Art. 836(8) tal-Kap.12**. Dan l-artikolu jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ippresentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie presentat l-att f'numru specifikat ta' kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu.

Fil-kaz tal-lum, l-esekutata qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex timponi penali abbazi tal-**paragrafi (c) u (d)**.

**Il-paragrafu (c)** jaqra hekk :-

*jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità tieghu u dwar il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew*

**Il-paragrafu (d)** jaqra hekk :-

*jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Fuq l-iskorta tal-atti akkwiziti, anke fuq livell ta` *prima facie,* din il-Qorti ma ssibx li huma sodisfatti r-rekwiziti tal-paragrafi citati mill-esekutata u ghalhekk mhijiex sejra tesercita d-d-diskrezzjoni taghha li timponi penali kontra l-esekutat.

Fl-ahhar nett, l-esekutata nvokat l-applikazzjoni tal-**Art 838A tal-Kap 12** li jaqra hekk –

*Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.*

Fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi li ngabu a konjizzjoni taghha, din il-Qorti mhijiex tara din it-talba bhala gustifikata.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi hekk –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**Tichad it-tieni talba.**

**Tiddisponi mit-tielet u mir-raba` talbiet billi tghid illi fl-ewwel lok il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju**

**Nru. 1945/2010 fl-ismijiet "*Francis Abela f`ismu propju u bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem F. Abela & Sons (K.I. 153857M) vs Kalaxlokk Company Limited*" (C7950) ghandu jigi revokat biss *in parte* sabiex ma jibqax jghodd fil-konfront tas-sekwestratarja s-socjeta` bankarja Banif Bank (Malta) p.l.c., u fit-tieni lok, bhala konsegwenza tal-premess, tordna r-rilaxx immedjat mir-Registratur tal-Qorti a favur ta` l-kumpannija Kalaxlokk Company Limited tal-ammont ta` wiehed u sebghin elf tmien mija u erba` Ewro tmienja u sittin centezmi (€71,804.68) li s-socjeta` bankarja Banif Bank (Malta) Limited kienet iddepositat permezz ta` zewg cedoli ta` depositu Nru. 13/2011 u 1247/2011.**

**Tichad il-hames u s-sitt talbiet.**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jigu regolati skond is-sentenza fil-mertu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------